

Brussell, 5 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

8805/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0075(NLE)

---

---

TRANS 167

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7642/23
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u, jekk rilevanti, fir-rigward ta' komunikazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR, fir-rigward ta' emenda biex tiddaħñal klawżola ta' 'force majeure' – Adozzjoni

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta dwar is-suġġett ta' hawn fuq.
2. L-AETR (1970) jgħodd mat-tnejn u ħamsin Parti Kontraenti, fosthom l-Istati Membri kollha. Il-pożizzjoni rilevanti attwali tal-UE mill-2021<sup>1</sup> għandha l-għan li tintroduċi t-takografu intelliġenti (verżjoni 2) fil-qasam tal-AETR, li tagħti lill-Partijiet Kontraenti aktar setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli dwar il-modernizzazzjoni tat-takografu, u li tippermetti lill-Unjoni taderixxi mal-organizzazzjoni.

---

<sup>1</sup> DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/366 tat-22 ta' Frar 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (ĠU L 70, 1.3.2021, p. 12).

3. Il-proposta għandha l-għan li tadotta pożizzjoni negattiva tal-UE lejn proposti mressqa minn żewġ Partijiet Kontraenti biex jiġi emendat l-AETR billi tiġi introdotta klawżola ta' "force majeure" fir-rigward tal-obbligu tat-takografu.
4. Inizjattiva preċedenti fl-istess kuntest immirat lejn ċerta interpretazzjoni tar-regoli attwali li tippermetti s-sewqan, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mingħajr kard tas-sewwieq li tiżgura r-reġistrazzjoni tat-takografu<sup>2</sup>.

## **II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU**

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina l-proposta fid-29 ta' Marzu 2023. Franza daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari. Id-delegazzjonijiet li tkellmu appoġġaw l-abbozz ta' pożizzjoni tal-UE, peress li huma qiesu li d-dispożizzjoni ta' "force majeure" kif proposta miż-żewġ Partijiet Kontraenti tista' fil-biċċa l-kbira tinvalida l-isforzi internazzjonali biex jiġu kkontrollati l-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ tas-sewwieqa, u tista' timmina l-miżuri restrittivi li jikkonċernaw l-esportazzjoni ta' prodotti teknoloġiċi, li ġew adottati kontra dawk il-pajjiżi.
6. Ġie indikat li l-ftehim tekniku tal-korpi tal-UNECE b'suġġeriment biex jiġi emendat l-AETR mhuwiex kundizzjoni għall-preżentazzjoni tal-emendi lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. F'każ bħal dan, imsemmi fl-Artikolu 3 tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Unjoni, tkun importanti l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet inkarigati mir-relazzjonijiet man-NU.
7. Il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet biex jippreżentaw kwalunkwe osservazzjoni addizzjonali bil-miktub sal-4 ta' April 2023; is-Segretarjat iċċirkola test rivedut<sup>3</sup>. L-ebda delegazzjoni ma għamlet aktar kummenti.
8. Il-laqgħa li jmiss ta' korp tal-UNECE, fejn ser jiġu diskussi d-diversi inizjattivi għall-emendar tal-AETR, ser tkun il-laqgħa tal-grupp ta' esperti fit-12 ta' Ġunju 2023.

---

<sup>2</sup> Ara n-nota 6197/23.

<sup>3</sup> Ara n-nota 8038/23.

### III. KONKLUŻJONIJIET

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni, kif ippreżentat fid-dokument 8096/23, li ġie rivedut mill-ġuristi-lingwisti.
  10. Ladarba jiġi adottat, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.
-